MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 949/2007

**Bank of Valletta p.l.c**

**vs**

**Charles Richard**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq fil-11 ta' Settembru 2007, li bih u għar-ragunijiet hemm imsemmija l-Bank rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lil Charles Richard jħallas lis-soċjeta' attrici s-somma ta' erbatax-il elf, mija u disgħa u sebgħin Liri Maltin u għoxrin ċentezmu (Lm14,179.20) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Charles Richard mal-Bank of Valletta p.l.c flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mit-30 t'Awissu 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;
Bl-ispejjeż komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata fid-19 ta' Settembru, 2005 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jiġi preżentat kontestwalment kontra l-konvenut.

Rat in-nota mressqa mill-intimat fil-25 ta' Settembru, 2007 li biha ammetta it-talbiet kif dedotti fir-rikors;

Billi mill-ammissjoni tal-intimat, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati.

Fuq ammissjoni tal-intimat tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tal-bank rikorrenti kif dedotti fir-rikors bl-ispejjeż kontra l-intmat u bl-imgħaxijiet legali ulterjuri b'effett mit-30 ta' Awissu, 2007 sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------